CITTA' NOTABILE

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mdina

## IS-TMIEN'LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 04

Tlieta, 3 ta' Settembru 2019

Il-Kunsill Lokali Mdina ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Corte Capitanale, Misraħ il-Kunsill, Mdina fid- 15.00pm.

**PREŻENTI:**

Peter Sant Manduca – Sindku
Joseph Debono- Vici Sindku
Mary Ann Sultana- Kunsilliera
Alfred Barbaro Sant- Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Camille Scerri- Kunsilliera

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Mark Mallia – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Peter Sant Manduca ippresjeda l-laqgħa li bdiet fit-3.16pm.

**04.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

04.1.1 Is- SE infurma lill- Kunsill li rċieva notifikazzjoni mingħand il-Kunsilliera Camille Scerri fejn infurmatu li ma kienitx ser tattendi għal-laqgħa peress li kienet ser tkun msiefra. Il-Kunsill aċċetta din l-apoloġija.

**04.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

04.2.1 Fuq il-Mejda tal-Kunsill tqegħdu l-minuti tat- Tielet Laqgħa. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa

04.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-minuti kienu approvati unanimament. Is-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

**04.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

04.3.1 Is-Sindku xtaq jirringrazzja lil dawk kollha li kienu involuti fl-organizzazjoni tal-BBQ għar-residenti li sar nhar il-Ġimgħa 30 ta' Awwissu 2019 f' Jum L-Mdina

04.3.2 Is-Sindku tkellem fuq il-laqqgħa li kellu l- Ministeru tat- Turizmu, mal- Chief Of Staff fejn iddiskutew il-kwistjoni tal-finanzjament tal-Medieval Mdina fejn bħala Kunsill irriaferrmajna li għall-edizzjoni tas- sena d-dieħla, jekk ma jkunx hemm finanzjarjament adekwat, din ma ssirx. Huwa qal li bħala Ministeru jixtiequ li din issir u talbuna biex nibgħatu applikazzjoni għal kunsiderazzjoni tal-Ministeru. Bħala Kunsill ser nagħmlu hekk u tlabna li jkollna risposta sa l-aħħar ta' Novembru biex inkunu nistgħu nipproggrammaw dan l-avveniment.

04.3.3 Is- Sindku ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li ċertu bins li jinsabu barra l-Mdina għandhom bzonn manutenzjoni. Ser tittieħed azzjoni fuq dan.

04.3.4 Is- Sindku infurma lill-Kunsill li l-Perit tal-Kunsill għaddej bit- tfassil tal-pjanti għal riġenerazzjoni tal-playingfield u ser tintbgħat applikazzjoni fix-xhur li ġejjin ma' l-Awtorita' ta' L- Ippjannar għal finanzjament tagħha. Sadanittant huwa qal li la darba titlesta din l-applikazzjoni, ser isir *condition report* mill-istess Perit ta' l-istat attwali ta' l-art ġewwa l-Mdina biex tintbgħat lil- Infrastructure Malta għal kunsiderazzjoni tagħhom.

04.3.5 Is- Sindku kien ta' l-opinjoni li għandha ssir manutenzjoni tal-fanali li hawn ġewwa l-Mdina u fil-ġimgħat li gejjin dan il-proċess ser jibda.

04.3.6 Is- Sindku huwa tal-fehma li wasal iz-zmien li tiġi organizzata il- ħarġa ta' L-Anzjani fix-xahar ta' Ottubru.

04.3.7 Is- Sindku kien tal-fehma li wasal iz-zmien li l-policy tal-permessi għad-dħul ġewwa tiġi riveduta fejn tidħol klawsola Nru. 4(1) li tinsab fil-leġislazzjoni sussidjarja 65.27,"Aċċess ta' Vetturi ġewwa l-Mdina". Għaldaqstant huwa kien qed jissuġerixxi li jiġi ffurmat sotto-kumitat biex jiddiskuti dan it-tibdil u tiġi mfassla policy ġdida. Il-Kunsill approva.

04.3.8 Is- Sindku infurma lill-Kunsill li l-kuntratti tal-knis u ġonon waslu biex jiskadu fl-aħħar ta' Settembru u għal raġuni li l-proċess ta' l-offerti għadu għaddej huwa kien qed jissuġerixxi li peress li dawn iz-zewġ kuntratti huma ta' importanza għal lokalita' la darba jispiċċaw il-kuntratti, jingħata Direct Order sakemm jiġu aġġudikati. Il-Kunsill approva

**04.04 Rapport Finanzjarju għat-Tlett Xhur April sa Ġunju 2019**

04.4.1 Is-SE poġġa fuq il-mejda tal-kamra għal approvazzjoni ir-rapport finanzjarju għat-tlett xhur minn April sa Gunju 2019. Kopja ngħatat lil kull kunsillier qabel l-laqgħa. Ir-Rapport Amminstrattiv ġie approvat unanimament.

04.4.2 Il-Kunsill approva dan ir-rapport. Is-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw ir-rapport finanzjarju biex juru li huwa dokument korrett

**04.05 Pjan ta' Ħidma għas-sena 2020 sa 2024 (Abbozz)**

04.5.1 Il-Business Plan 2020-2024 (Abbozz) tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kunsill (meħmuz). Kopja ngħatat lil kull Kunsillier qabel il-laqgħa.

04.5.2 L-abbozz ġie moqri għal kunsiderazzjoni tal-Kunsill u dan id-dokument ser jingħata lil dawk ir-residenti li huma interessati biex jattendu l-laqgħa tal-lokalita' fejn ser jiġi diskuss dan il-pjan.

**04.06 Rapporti, Ilmenti u ordnijiet ta'xogħolijiet**

04.6.1 Emajl mingħand Teatru Manoel biex tittella' avveniment b'tema edukazzjonali mit- 12 sal 14 ta' Frar 2019. Intalbet li ssir laqgħa magħhom.

04.6.2 DLG- Nominazzjoni ta' Deputat Segretarju- Fin-nuqqas ta' impjegat tal-Kunsill li qiegħed fi skala 11, Il-Kunsill approva in-nominazzjoni tas- Sinjura D. Farrugia, Segretarju Ezekuttiv fil-Kunsill ta' Ħal Balzan bħala Deputat Segretarju Ezekuttiv mal- Kunsill ta' L- Mdina.

04.6.3 Talba mill-kumpanija Traveltrade biex isir ikla għal madwar 800 persuna ġewwa l-Mdina. Il-Kunsill ma approvax din it-talba.

04.6.4 Talba mill-Kumpanija Mimalta għal drinks fuq is- Sur għal group ta' 170 ruh. Il-Kunsill approva u għandha titħallas s-somma ta' € 400

04.6.5 Emajl mingħand il-Fakulta' tal-Mediċina fi ħdan l-Universita' ta' Malta biex issir attivita' ta' *health checks* għar-residenti. Il-Kunsill approva.

04.6.6 Talba għal ice-cream bike wqat tieġ fi Pjazza San Pawl. It-talba ġiet rifjutata mill-Kunsill.

04.6.7 Talba mill-Malta Classic Cars biex issir laqgħa mal-Kunsill fejn jiġi diskuss l-avveniment annwali tal- Malta Classic ġewwa l-Mdina mill-10 sat- 13 ta' Ottubru 2019.

04.6.8 Talba mingħand l-organizzaturi tal-Pelligrinaġġ Muturi u Roti Zabbar biex it-tluq tagħha issir għal din id-darba biss mill-parking area tas- Saqqajja. Il-Kunsill approva.

04.6.9 Talba mingħand l-organizzaturi tal-Malta Marathon biex issir il-Maratona ta' Malta li t-tluq tagħha tkun mill-parking area tas- Saqqajja. Il-Kunsill approva.

**04.07 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti**

04.7.1 Fuq il-Mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' ħlasijiet li ġġib id-data tas-7 ta'Awwissu 2019, (mehmuża) li tammonta għas-somma ta' € 22,168.94

04.7.2 L-iskeda ta' ħlasijiet kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsilliera Mary Ann Sultana li kienet issekondata mill- Viċi Sindku Joseph Debono. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet. L-iskeda ta' ħlasijet ġiet iffirmata miż-żewġ kunsilliera biex juru li hu dokument korrett.

**04.08 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-Seduta li jmiss**

03.8.1 Wara li ma kienx hemm affarijiet oħra, l-laqgħa ntemmet fil-17.08pm u ġiet aġġornata għat-3 ta' Ottubru 2019 fit-3pm

| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
|---|---|
| ________________ | ________________ |
| Peter Sant Manduca | Mark Mallia |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

Data: 03-10-2019________